# IL-MADONNA TA' LIBNAN

Fiż-żmien li l-Kattolċi tad-dinja kienu qegħdin jitħejjew biex jagħmlu t-tifkira ta' għeluq il-ħamsin sena minn meta l-Papa Piju IX kien xandar id-Domma tan-Nisel Safi tal-Madonna, wieħed Ġiżwita, Fra Lucjanu Kattin S.J., ħareġ bit tinbiha li Libnan kien jixraq li jwaqqaf mafkar għal dejjem bħal għeliema ta' kemm dan il-pajjiż kien mill-qedem mogħti għal qima tal-Madonna. Qal li kien jixraq li titwaqqaf statwa kbira tal-Madonna, li tkun tidher minn bgħid u li jkunu jistgħu jżuruha l-insara kollha, ta' liema ġens u rit ikunu. Id-Delegat Apostolku ta' dak iż-żmien, Mons. Karlu Duval O.P., u l-Patrijarka Maronita Monsinjur Iljas Hojek, laqgħu din it-tnebbiha b'ħeġġa kbira.



*L-istatwa tal-Madonna ta' Libnan, fuq ir-riħ tal-belt ta' Harissa.*

L-ewwel ħaġa kien meħtieġ li jingħażel l-imkien fejn din l-istatwa kellha titwaqqaf. Kienet magħżula s-seħla jew spjanata imsemmija Bukerke, fuq ġebel għoli 580 metru fuq il-baħar Mediterran, fejn jgħammar il-Patrijarka Maronita mis-sena 1830, u fejn hemm ukoll id-Dejr imsejjaħ Halfe fejn joqgħod il-Patrijarka Sirjan, u Dejr ieħor imsemmi Bużummar, fejn joqgħod il-Patrijarka Armen, qrib ta' Harissa.

Monsinjur Duval miet fil-31 tas-sena taċ-Ċinkwantinarju, 1904, imma l-aħħar xewqa tiegħu ta' qabel miet, seħħet xorta waħda. Għax inxtrat biċċa art minn għand il-familja ta' wieħed Nisrani, jismu Bxara Junes, bil-għajnuna tal-Insara tal-Parroċċa u r-Rhieb ta' dik in-naħa, u fis-sena 1906, waslet Bejrut minn Franza, statwa kbira tal-Madonna. Issa kien jeħtieġ "firman", jiġifieri permess bil-miktub, uffiċjali, minn għand is-Sultan ta' Kostantinopli (għax dak iż-żmien Libnan kien għadu taħt idejn it-Torok), biex l-istatwa titqiegħed fi mkienha. L-Imsarraf, jew Ħakem, ta' Libnan, Muzaffer Baxa, dal-permess qalgħu malajr; m'hux wara xhur, jew ġimgħat jew jiem, imma ħaġa tal-għaġeb, wara *ħames siegħat biss* għax talbu lis-Sultan b'telegramma! Dan kien tassew l-ewwel għaġeb li għamlet il-Madonna, għax is-Sultan ma kienx dari jagħti firmani hekk ta' malajr, u

mingħajr ma jdaħħal qabel kemxa kbira sewwa ta' flus, bi ħlas tal-firman li jagħti.

Imma t-tqegħid tal-istatwa kellu jitħalla għal sentejn wara, għax biex tinbena l-kappella li kellha taqdi bħala pedestall u għal nefqiet oħra, ma kienx baqa' flus. Imma l-Madonna ħasbet għal dan wkoll, għax wieħed għani Franċiż li baqa' ma riedx juri ismu, ħareġ minn butu 16,000 frank. Hekk, fis-sena 1907 intemm il-bini tal-kappella. Fil-21 ta' Novembru inġarru fiha l-fdal, (jiġifieri l-għadam) ta' Monsinjur Duval, li kien ħadem wisq biex dak ix-xogħol seħħ u fit-3 ta' Mejju tas-sena ta' wara 1908, li ħabat l-ewwel Sibt tax-xahar, tqegħdet l-istatwa fuq il-kappella. Dik inhar saret ħafla jew festa kbira, u l-istatwa tal-Madonna kienet imbierka minn Monsinjur Giannini O.F.M., li kien Delegat Apostolku. Qaddes l-ewwel quddiesa kbira ġewwa l-kappella l-Patrijarka Maronita Monsinjur Hojek, u nkixfu żewġ irħamiet miktuba l-waħda bil-Latin u l-oħra bil-Għarbi biex tibqa għal dejjem imfakkra din il-ġrajja.

Din l-istatwa hi twila tmien metri u nofs. Hija tal-bronż u miżbugħa bajda. Magħmula minn sebat ishma, li jindammu sehem fuq l-ieħor. Tiżen ħamsin tunnellata. Wieqfa fuq il-pedestall-kappella, li semmejna l-ewwel, li hu wiesa fil-qiegħ u dejjaq fil-quċċata, għoli 20 metru. Mal-pedestall, minn barra, iddur telgħa ħafifa, bħal garigor, li twassal għal setaħ żgħir ħada riġlejn il-Madonna. Min jitla hemm fuq (huma eluf kbar in-nies li jitilgħu kull sena) jara dehra li ssaħħar: mill-Marsa ta' Guna sa Ras Bejrut.

Ġewwa l-pedestall-kappella hemm Madonna oħra żgħira li n-nies tal-pajjiż jgħidulha *Omm in-Nur*, jiġifieri l-Madonna tad-Dawl, maħduma mill għuda taċ-ċedri. Qabel ma nġiebet hemm, dil-Madonna, ittieħdet fil-bliet u r-rħula ta' Libnan kollha, u kull fejn ittieħdet kienet milqugħa b'ferħ kbir mill-Insara, Kattolki u m'humiex.

Jieħdu ħsieb dil-Kappella n-Nunzjatura Apostolka u l-Patrijarkat Maronita. Il-quddies ta' kull jum fiha jsir mir-Rhieb Missjonarji Libnanin, li jgħidulhom ta' Krejm. li kienu mwaqqfa fis-sena 1866, minn Monsinjur Hanna Habib, li d-Dejr il-kbir tagħhom jinsab ftit bgħid minn Harissa.

Dil-Madonna, għad li qegħda f'Harissa, ħadet l-isem ta' "Madonna ta' Libnan", u dik il-kappella hija l-aktar waħda miżura fost il-għadd kbir ta' knejjes tal-Madonna li jinsabu f'dak il-pajjiż. Kull lejla, il-bozoz tal-elettriku li bihom imdawra l-istatwa, ixerrdu d-dawl tagħhom fuq il-għolja kollha, u juru ċar mill-bgħid il-Madonna, bajda - bajda, b'dirgħajha miftuħa. Kif jidħol ftit il-lejl, iċ-ċpar jibda tiela qajl-qajl mill-baħar, jixxabbat mal-għolja, u jgħatti lilha u l-kappella; imma tibqa tidher il-Madonna donnha wieqfa tittajjar fuq is-sħab, bil-kuruna tal-Kwiekeb f'rasha. U kull Nisrani, x'ħin jaraha. toħroġ mnin qalbu t-Tislima: "Sliem għalik, Marija, ta' Libnan Reġina !"

P. Ewgenju Hoade, o.f.m.